MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 318/2004

Armando Caruana
vs
Filomenu Pace esercenti l-kummerc taht l-isem ta' Guys Aluminium

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi l-attur kien impjegat mal-konvenut.

Illi l-attur nhar is-7 ta' Novembru, 2002, waqt il-qadi tal-impjieg tieghu mal-konvenut wegga' meta kien fuq il-lant tax-xoghol fuq struzzjonijiet ta' l-istess konvenut.

Illi minhabba tali incident l-attur kien qieghed isofri minn disabilita` permanenti ta' 20% hekk kif iccertifika Mr. C. Apap Bologna skond ir-rapport mediku hawn anness u mmarkat bhala Dokument "AC1" u dana hekk kif se jkollu

l-opportunita` li jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Illi l-imsemmi incident kien sehh unikament tort tal-konvenut ***qua*** ‘employer’ ta’ l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

Illi ghalkemm il-konvenut kien gie debitament interpellat permezz ta’ ittra legali datata 2 t’April, 2004 sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni mill-attur, dan kien baqa’ inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar is-7 ta’Novembru, 2002 fejn wegga’ l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur anke permezz tal-hatra ta’ periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra legali datata 2 t’April, 2004 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju presentata kontestwalment mal-kawza odjerna u bl-imghax u l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-gudizzju ma kienx integru stante li mart il-konvenut ma kenitx parti fil-kawza.

2. Illi l-konvenut forna, kif dejjem ghamel lill-impjegati tieghu kollha, inkluz lill-attur fil-kaz mertu tal-kawza, bl-apparat u l-mezzi kollha mehtiega biex huma dejjem joperaw fis-sigurezza kollha mehtiega skond il-Ligi.

3. Illi l-incident li fih kien wegga' l-attur kien kkawzat mill-attur innifsu, li kien negligenti fil-mod kif ghazel li jahdem minkejja l-ghodda li kellu disponibbli ghall-uzu.

4. Illi ma kienx minnu li l-attur kien bata u kien qed isofri minn disabilita` kif minnu dikjarat ta' 20%, tant li l-konvenut kien sar jaf li huwa kien hadem regolarment, f'impjieg iehor ma' terza persuna.

5. Illi l-konvenut kien offra lill-attur li jzommu impjegat mieghu fuq 'Light Duty', haga li l-attur kien irrifjuta.

6. Salv eccezzjonijiet ohra skond il-Ligi.

Ghalhekk din il-Qorti kellha tichad it-talbiet tal-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur Armando Caruana li qal illi hu kien impjegat mll-konvenut.  Illi nhar is-7 ta' Novembru, 2002, waqt il-qadi tal-impjieg tieghu mal-konvenut wegga' meta kien fuq il-lant tax-xoghol fuq struzzjonijiet ta' l-istess konvenut.  Illi minhabba tali incident l-attur qieghed isofri minn disabilita` permanenti ta' 20% hekk kif iccertifika Mr. C. Apap Bologna.  Illi l-imsemmi incident kien sehh

unikament tort tal-konvenut ***qua 'employer'*** ta' l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut. Illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat permezz ta' ittra legali datata 2 t'April, 2004 sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni mill-attur, dan baqa' inadempjenti. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Gie prezentat affidavit ta' l-attur Armando Caruana fejn qal illi hu kien impjegat ma' Guys Aluminium ta' certu Filomeno Pace li kontra tieghu hu fetah din il-kawza. Qal illi dak in-nhar tas-7 ta' Novembru, 2002 hu u l-***foreman*** certu Roman li jigi r-ragel tat-tifla tal-konvenut, Joseph Azzopardi u zewg impjegati ohra ta' Guys Aluminium li ma setax jiftakar isimhom kienu marru fuq struzzjonijiet ta' l-istess Filomeno Pace fil-bini ta' Farsons l-Imriehel halli jaghmlu xi xoghol ta' twahhil ta' hadid u '***boards'***. Huma kienu marru precisament f'dik il-parti fejn Farsons jibbottilja l-ilma. Ftakar illi l-parti tax-xoghol tieghu kienet tikkonsisti f'illi hu jwahhal ***boards*** tal-injam ma' hadid li kien gja` gie mwahhal mal-hitan. Dan l-istess xoghol kien qed jaghmlu l-***foreman*** tieghu. L-esercizzju li huma t-tnejn kienu qeghdin jaghmlu huwa li daqqa jitla' fuq is-sellum fl-gholi hu jinvita l-***board*** mal-hadid filwaqt illi Roman kien joqghod isfel halli jzomm kemm il-***board*** u daqqa kien jitla' Roman u jzommlu s-sellum hu. Ippreciza li din il-'***board'*** kienet wahda kbira u kien hemm bzonn illi xi hadd izommha minn isfel ghaliex inkella minhabba d-daqs taghha ta' madwar ***'6 by 8 feet'*** u t-toqol taghha kien hemm riskju li tista' teghleb fuqek jekk tkun fuq is-sellum. Qal illi hin minnhom meta hu kien fuq is-sellum jaghmel dan l-esercizzju, il-***foreman*** li kien responsabbli minnhom dan Roman kien telaq x'imkien minflok ma qaghad izzomlu l-'***board'***. Hu hin minnhom waqt li kien qed jipprova jinvita l-***board*** is-sellum gheleb bih bir-rizultat li hu waqa' hames filati u s-sellum baqa' sejjer ghal fuqu. Minhabba l-fatt li hu kien gja' beda jinvita l-***board***, il-***board*** ma waqghetx. Qal illi l-konvenut f'din il-bicca xoghol partikolari li kienu qeghdin jaghmlu fil-bini ta' Farsons qatt ma kien tahom xi struzzjonijiet jew xi attrezzaturi halli jharsu s-sigurta` tal-persuna taghhom bhal per ezempju jarmaw xi tip ta' '***scaffolding'*** kif gieli kienu ghamlu halli

jevitaw xi tip ta’ riskju. Qal illi minhabba dan l-incident hu kien waqaf mix-xoghol ghall-perjodu ta’ sena. Hekk kif hu kien mar halli jidhol lura ghax-xoghol il-konvenut kien qallu li huwa ma kellux aktar bzonnu u ghalhekk kien spicca minghajr impjieg. Qal illi meta kien wegga’ hu kellu l-eta` ta’ 48 sena. Bhala paga li hu kien jaqla’, hu irrefera ghad-dokument ‘AC2’.

Xehed Armando Caruana fejn in kontro ezami qal illi hu ma’ Guys Aluminium qabel l-incident kien ilu jahdem xi tliet (3) snin. Il-***boards*** li semma kif jirrizulta fix-xhieda tieghu kienu mqabbdin fuq ***bolt*** wiehed. Kienu qeghdin jimlew il-viti l-ohra.

Huma dakinhar kienu qeghdin juzaw sellum. Wiehed kien izomm is-sellum u l-iehor jinvita. L-iskaluni kienu faccata tal-***board***. Qatt ma kien jahdem fuq slielem. ***Scaffolding*** wiehed kellhom u l-***iscaffolding*** li kellhom kienu qed jahdmu bih il-haddiema l-ohra. Il-***bolts*** jigu invitati bid-***driller***. Qal li meta kien mar lura ghax-xoghol is-Sur Pace ma kienx offrielu li jaghmel xi xoghol hafif, ***light duties***.

Il-***boards*** fl-okkazzjoni ta’ meta hu kien wegga’ ma kienux imwahhlin minn isfel. Sostna li kien l-obbligu tal-foreman li jghidlu jpoggi s-sellum sewwa. Illum il-gurnata ha jaghlaq 54.

Gie prezentat affidavit ta’ Joseph Azzopardi fejn issemma li hu kien impjegat ma’ Guys Aluminium ta’ certu Filomenu Pace. Ikkonferma li kienu marru ghand Farsons l-Imriehel halli jaghmlu xi xoghol ta’ twahhil ta’ hdid u ‘***boards’***. Ftakar illi dak in-nhar hu kien qed jaghmel xoghol f’kamra ohra ma’ genb il-post fejn kien qieghed jahdem Armando. Ix-xoghol tieghu kien li jaghmel garigor tal-hadid. Ftakar imma li Armando kien qed itaqqab il-‘***boards’*** tal-***‘malamine’*** u jorbothom mal-hadid bil-viti halli jibqghu dritti mwahhla mal-hajt. Jaghmel dan ix-xoghol huwa kien wahdu qieghed fuq sellum.

Xehed Mr. Carmel Apap Bologna li qal illi kien qed jara certifikat li jinstab a fol 5 tal-process li huwa certifikat rilaxxjat fis-26 ta’ Marzu 2004 u hargu hu personalment.

Kien ezamina lill-attur inkluz dakinhar stess. Ikkonferma l-kontenut ta’ dak id-dokument. Ikkonferma l-20% ***disability*** li kien semma f’dak ic-certifikat. Qal li fil-fatt generalment dan hu kkawzat minhabba xi waqa’ specjalment meta taqa’ fuq l-gharqub.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Filomeno Pace li qal illi l-attur kien qed ifittex lill-konvenut, ragel mizzewweg fuq kaz ta’ amministrazzjoni tal-beni tal-komunjoni tal-akkwisti straordinarju u ghalhekk il-gudizzju ma kienx integru stante li mart il-konvenut ma kenitx parti fil-kawza. Illi l-konvenut iddikjara li huwa dejjem forna lill-impjegati tieghu kollha, inkluz lill-attur fil-kaz mertu tal-kawza, bl-apparat u l-mezzi kollha mehtiega biex huma dejjem joperaw fis-sigurezza kollha mehtiega skond il-Ligi. Illi l-incident li fih kien wegga’ l-attur kien ikkawzat mill-attur innifsu, li kien negligenti u traskurat fil-mod kif ghazel li jahdem, minkejja l-ghodda li kellu disponibbli ghall-uzu. Illi mhux minnu li l-attur kien bata u qed isofri minn disabilita` kif minnu dikjarat ta’ 20%, tant li x-xhud sar jaf li huwa kien hadem regolarment, f’impjieg iehor ma’ terza persuna.

Gie prezentat affidavit ta’ Filomenu Pace fejn issemma li Armando l-attur kien ilu jahdem ma’ Guys Aluminium xi sentejn. Lilu kien jafu qabel u kien anke hadem mieghu xi 10 snin qabel bhala ***part timer***. Billi kien dehrlu li kien bniedem tajjeb u ta’ l-affari tieghu kien impjegah bhala ***full timer*** fejn anke kien jibghatlu ***helper*** mieghu. Dan iffisser li kien ikun hu responsabbli tax-xoghol li kienu jaghmlu billi kien bniedem responsabbli. Ix-xoghol kien jikkonsisti fi twahhil ta’ ***malamine***, li huwa ***chipboard*** ta’ 3/8 ta’ (10mm) b’qoxra tal-plastica tal-qies ta’ 10 piedi b’6 piedi. Dawn diga’ kienu wahhluhom f’posthom u x-xoghol li kien baqa’ jaghmlu kien li jimlew il-viti li kien jonqos peres li diga’ kienu f’posthom. Jiftakar li wara kienu cemplulu biex jitla’ malajr fejn kienu qieghdin jahdmu ghax Armando kien waqa’ minn fuq is-sellum forci. Meta mar fuq il-post sab li s-sellum kien ghamlu bil-kontra, jigifieri l-genb tas-sellum ihares lejn il-hajt, li dan skond is-sistema tas-***safety*** qatt ma’ kellu jaghmel is-sellum hekk, u dan kemm hu u kemm Armando, kif ukoll il-kumplament tal-haddiema, kienu

konxji sewwa. Illi ghaldaqstant dak il-hin qallu, “X’ fettillek ghamilt is-sellum bil-kontra?”. Dak il-hin Armando qallu li kien ghamlu hekk biex ihaffef, li ghalih bis-sellum kif kien u kif suppost kellu jaghmlu ma’ kienx hemm differenza rigward dewmien. Rigward affarijiet ta’ ***safety*** bhal per ezempju ***safety shoes***, ***safety glasses***, ***gloves***, ***harness***, ***safety helmets***, ghodda bhal slielem, ***scaffolding***, ***power tools*** u ***hand tools***, dawn kollha provduti mid-ditta. Jiftakar li kien ghamel sena shiha u meta kienet waslet biex taghlaq is-sena kien mar jara kif kienu ser jibqghu u meta staqsieh kif kien qed ihossu qallu li kien ahjar u hu offrielu biex imur ix-xoghol u jaghtih ***light duty***. L-attur kien qallu li ser jiehu parir minghand il-professur. Ftakar li kien qallu biex jibda n-***notice*** sakemm jiddeciedi l-professur tieghu u wara sema’ bic-citazzjoni.

Xehed <u>Filomenu Pace</u> fejn in kontro ezami qal illi fil-mument li wegga’ Armando Caruana hu ma kienx prezenti. Semma li l-attur kien qieghed gholi xi zewg piedi, zewg piedi u nofs u li kieku s-sellum ikun qieghed sewwa ma jkun hemm ghalfejn izommlu hadd.

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Roman Incorvaja</u> li qal illi hu kien ilu xi disa’ snin impjegat mad-ditta ‘Guys Aluminium’. Hu kwazi dejjem kien jahdem fuq il-lant tax-xoghol barra. F’din l-okkazjoni kien fil-post ta’ Farsons jassisti u jahdem ma’ l-attur. Qal illi l-folji tal-***malamine*** kienu qed iwahhluhom mal-qafas tal-hadid u kienu diga nvitawhom minn isfel minghajr ma uzaw is-slielem. Dan ix-xoghol kien qed isir mill-art b’mod li l-***malamine*** kien diga qieghed imwahhal. Dana jfisser li hadd ma kellu ghalfejn izomm il-***malamine*** meta kien imiss li jitwahhlu l-viti ta’ fuq. Jiftakar li fil-kamra kien ghad hemm ukoll l-‘i***scaffolding***’ peress li kienu qed jizbghuh. Qal illi meta sehh l-incident l-attur kien qallu biex jibda jahdem fuq hu biex hu seta’ jaghmel xoghol iehor. Kull ma kellu jaghmel kien li jiftah is-sellum forci, skaluni kontra l-hajt u jinvita l-viti ta’ fuq. B’dan il-mod ikun jista’ jahdem u jaghmel il-forza biex jinvita. Hu llarga biex mar igib ‘***extension’*** mill-***van*** u halla wahdu lill-attur. Armando kien ghadu kemm fetah is-sellum ma gemb il-hajt biex jibda jinvita. Meta kien fejn il-***van*** ftit ‘l boghod mil-post kien semma’ l-

istorbju u dahal jigri. Illi kif kien dahal u sab lill-attur mal-art u qallu li wegga' saqajh u deher mugugh. Mal-ewwel kellu cemplu l-imghallem u ghall-ambulanza.

Xehed Roman Incorvaja li qal illi Filomenu Pace huwa l-kunjatu tieghu.

Gie prezentat affidavit ta' Charles Vassallo li qal illi hu kien impjegat mad-ditta 'Guys Aluminium' tal-konvenut u illi madwar erba' snin. Jiftakar li kien introducieh u sablu dan il-***job*** l-attur Armando Caruana. Illi hu impjegat mad-ditta msemmija fil-garaxx tad-ditta, jahdem fuq ix-xoghol li jkun irid issir barra. Illi dwar l-appalt ghand ta' Farsons, cio` ta' 'Ecopure' ditta' ta' Farsons, qal li kien hadem fuq ix-xoghol taghhom. Qal li f'dak l-applat li fih sehh l-incident kienu ppreparaw il-hadid li kellu jservi ta' qafas u l-***malamine*** li kellu jehel mieghu. Fil-kaz tal-***malamine*** kienu uzaw slielem minghajr ***scaffolding*** li kien forci tal-hadid. Qal li l-forci kienu juzawh skontru mal-hajt, jigifieri l-iskaluni jiffaccjaw il-hajt biex tkun tista' taghmel is-sahha kontra il-hajt, fejn kellhom jehlu l-folji tal-qies ta' xi tmien piedi b'sitta, tal-'malamine'. Zied jghid li hu stante li ma kienx prezenti fil-mument tal-incident ma kienx jaf kif kien hadem l-attur. Qal li x-xoghol kien komplieh hu u spiccah hu.

Xehed Charles Vassallo u qal li llum il-gurnata hu ma kienx ghadu jahdem ma' Guys Aluminium u ilu nieqes xi erba' xhur. Meta ghamel id-dikjarazzjoni tat-23 ta' Settembru 2005, li qedgha fil-process kien ghadu jahdem maghhom. Lill-attur jafu persuna li fuq xoghlu jaghmel l-affarijiet sew. Dak in-nhar li sehh l-incident ma' kienx fuq il-post hemmhekk. It-tip ta' xoghol li kienu qeghdin jaghmlu gieli ghamel bhalu, ma kienx jaghtihom struzzjonijiet, kien jiehdu l-affarijiet, l-ghodda mil-garaxx u huma kienu jahdmu.

Mistoqsi mil-Qorti dwar jekk is-Sur Pace qatt tahom struzzjonijiet dwar kif jzommu s-slielen u affarijiet konnessi qal li dik kienet regola taghhom li huma jahdmu kif suppost. Qal illi fil-fatt jekk il-forci tarmah ***facing the wall*** ma jkun hemm bzonn ta hadd biex izommlok is-sellum.

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu Mr. Charles Grixti gie nominat bhala espert ortopediku.

Rat ir-rapport ta' Mr. Charles Grixti li fih ikkonkluda illi:
**<u>"KONKLUZJONI</u>**
Armando Caruana sofra ksur tal-'calcaneum' tax-xellug jigifieri tal-ghadma ta' l-gharqub tax-xellug meta waqa' minn fuq sellum minn gholi ta' bejn erba' sa hames piedi. Inzamm sitt gimghat fil-gibz u rega' beda jharrek il-gok bil-mod il-mod.

Ghalkemm il-ksur ghaqad jibqa' l-fatt illi l-gok taht l-ghakset is-sieq tax-xellug gie affettwat b'limitazzjoni ta' moviment (subtalat movement) li jeffettwa l-pazjent meta jimxi fuq art imharbta.

Minhabba dan il-ksur Caruana jista' jizviluppa artrite ghabel iz-zmien fil-gok ta' taht l-ghakset is-sieq tax-xellug.

Minhabba dan jiena nistma d-dizabilita` li qed isofri Caruana kagun ta' l-accident li kellu fis-7 ta' Novembru 2002 ta' 8% (tmienja fil-mija)."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi ghalhekk qed jirrizulta car li l-attur korra fiz-zmien meta kien impjegat mal-konvenut meta f'okkazjoni minnhom waqt li qed iwahhal il-***boards*** waqa' bis-sellum. Irrizulta li hu kien qieghed fuq forci, liema forci ma kienx qieghed kif suppost fis-sens li kellu s-saqajn f'linja parallela mal-bordijiet u mhux l-oppost kif titlob is-sengha. Il-konvenut ma kienx fuq il-post meta gara l-incident, u ma kien hemm hadd qieghed izomm is-sellum lill-attur fil-mument tal-incident. F'ebda hin ma rrizulta li s-sellum kien b'xi mod difettuz jew li kien jahdem b'xi mod kumplikat. Naturalment il-Qorti tosserva li biex titla' fuq forci ma tridx taghmel xi korsijiet specjali ghalkemm possibbilment mhux kulhadd jaf jew jirrejalizza sufficjentement kif wiehed ghandu jpoggi l-forci halli jigi evitat il-periklu. Li hu zgur li dan mhux xi makkinarju specjalizzat li jirrikjedi xi korsijiet biex wiehed ihaddem tali makkinarju. Anqas ma rrizulta b'xi mod li l-forci ntuza meta mhux suppost intuza ghal

dan l-iskop. Il-Qorti wkoll ma thossx li tista' tikkondividi l-ideja li biex isir dan it-tip ta' xoghol huwa necessarju xi ***scaffolding***.

Certament jinkombi fuq l-***employer*** li jipprovdi ***a safe system of work*** ghall-impjegati tieghu, kemm jekk ix-xoghol isir f'fabbrika kif ukoll jekk il-haddiema jintbaghatu jahdmu barra mill-fabbrika. Xoghol barra mill-fabbrika xorta wahda ghandu jkun ***safe system of work*** u dan japplika mill-bidu nett sal-ahhar nett li jkun qieghed isir ix-xoghol. Huwa d-dover ta' min ihaddem li qabel ma jibghat il-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol jivverifika li l-kundizzjonijiet huma ***safe*** u minghajr riskji ghall-haddiema tieghu. Ghalhekk huwa d-dover ta' min ihaddem li jispezzjona l-post tax-xoghol u jevalwa r-riskji involuti u li ma jkunx hemm periklu ghall-haddiema. Taht kull cirkostanzi l-haddiem m'ghandux jigi mqieghed fil-periklu bla bzonn.

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Bugeja vs Montanaro Gauci**, deciza fl-14 ta` Mejju, 2004:
"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-***employer*** li jipprovdi '***a safe place of work***'"

L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta,** deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006 fejn inghad:
"qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed ***safe***"."

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' April 2007, Imhallef Dr. T. Mallia, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited**:
"Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahhet fuq il-htiega ta` supervizzjoni ("Agius vs All Services Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien

mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien ***safe*****,** izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-appart kollu fornit lilhom."

Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Attard***,* deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:
"min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm ***available*** apparat ta` ***safety*****,** izda ghandu jinsisti mal-***foreman*** li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita."

Fil-kawza fl-ismijiet **Grezzju Scicluna vs C. Cini & Sons Limited**, deciza fis-27 ta' Lulju 2006, Imhallef Dr. Tonio Mallia, il-Qorti ccitat l-awtur Whincup mill-ktieb ***Modern Employment Law*** li jelenka erba' principji bazici. Dawn huma:
i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers,*
ii. *the employer must ensure that the emplyee konws the precautions to be taken against these dangers,*
iii. *the employer must ensure that the precautions are available,*
*the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

F'dan l-istadju l-Qorti qed tirreferi ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi fit-13 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet **Anna Micallef et vs Allchem Limited et** u tikkwota parti mis-sentenza taghha fejn ghamlet referenza ghal diversi sentenzi.
"Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **D'Anastasi vs Enemalta Corporation** deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet;

Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zminijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.

Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda ikun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.

Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Schembri vs Caruana nomine** deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, ***employer*** illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan l-***employer*** (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom ta' kull jum.

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003 min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha ta' l-istess haddiem (ara **Bugeja vs Falzon** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u **Desira vs Grech and Co. Ltd.** deciza fit-30 ta' Mejju, 2002)."

Il-Qorti tixtieq tirrimarka dwar differenzi fil-kaz citat ta' Micallef et vs Allcehm Limited et fis-sens li f'dik il-kawza l-Qorti kellha quddiemha kaz ta' makkinarju ftit sofistikat ossija ***forklifter*** li forsi kien jirrikjedi li min ihaddem tali ingenji jkun qabel attenda ghal xi korsijiet biex ihaddem l-istess.  Kien hemm ukoll f'dak il-kaz l-obbligu tas-supervizjoni li ***forklifter*** ma tintuzax biex jigu alzati nies izda oggetti.  Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' kif tahdem forci.  Il-kaz ta' Mayer Scicluna kontra TN Waterproofing Limited jirreferixxi aktar ghas-sigurta` fuq il-post fejn qed isir ix-xoghol ghax f'dak il-kaz l-incident gara wara li spicca x-xoghol u l-haddiem koncernat ossija l-attur f'dak il-kaz waqt li kien qed jerfa cilindru tal-gass rifes ***guilder*** ossija tavla tal-bennejja u zelaq.  Il-kaz in ezami huwa differenti ghax la jirreferixxi ghal xi aspett fejn inholoq periklu minhabba l-istat ta' affarijiet fil-lok ta' fejn qed isir ix-xoghol u anqas jirreferixxi ghal xi ingenji li jehtiegu xi

kapacita` specjali ta' kif thaddem l-ingenji koncernati. Fil-kaz in ezami hemm l-uzu ta' forci.

Issa haddiem ghandu ma jkunx jaf kif ipoggi forci? Huwa l-obbligu ta' min ihaddem li haddiem li mhux ghadu kif beda x-xoghol irid joqghod jghidlu kif ipoggi forci u jkun prezenti biex jara li jpoggi l-forci kif suppost? Jekk wiehed sejjer jasal sa dan il-punt ha jkun qed johnoq il-possibbilta` li jezistu impjegati. Hawn m'ahniex qed nitkellmu la li l-forci kien difettuz, la li l-kundizzjonijiet ambjentali kienu perikoluzi u anqas li l-ingenji uzati kienu jirrikjedu xi specjalizzazzjoni. Kawza ta' dan il-Qorti tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Peress li l-Qorti laqghet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet mhux il-kaz li tezamina l-kwistjonijiet l-ohra li setghu jkunu pertinenti ghall-kaz u naturalment tichad it-talba attrici.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------